MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1289/2002/1

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Jesmond Tong**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm387.03c (tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tliet centezmi) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 03905 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2001 u Frar 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema' lill-Dr Nicolai Muscat Farrugia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm387.03c (tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tliet centezmi) prezz ta' servizzi prestati.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**